**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Manolito Magri**

**Kumpilazzjoni Numru: 451/17**

**Illum, 30 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Manolito Magri detentur tal-karta tal-identita` numru 490280M akkuzat talli nhar il-31 ta' Lulju, 2017, ghall-habta tas-1:30 ta' filghaxija gewwa l-lokalita` tal-Hamrun:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, u cioe' griehi/feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Stephen Zammit, liema griehi/feriti gabu sfregu gravi u permanenti fil-wicc u kkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' parti tal-gisem u kif ukoll difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, u dan skond ma iccertifika Dr. Mohomed Ashraf M.D (Reg. No. 3554) mill-Isptar Mater Dei, Msida, u/jew diversi tobba ohra;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji u theddid lil Stephen Zammit b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq dentatura u nuccali ghad-dannu ta' Stephen Zammit, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' izjed minn elfejn u hames mitt Euro (€2500);

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-08 ta' Marzu, 2017 (Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. Fl-ahharnett, il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offiza w cioe' Stephen Zammit, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat

skont l-Artikolu 412C tal-Kap.9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offiza u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikolu 214, 215 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikolu 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 28A, 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
e. Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq allegat argument li nqala' fit-triq gewwa l-Hamrun fejn il-parte civile, Stephen Zammit, spicca sofra feriti gravi.

Illi xehed l-**Ispettur Robert Vella** li qal li fil-31 ta' Lulju 2017 rcevew rapport minghand Dorianne Spiteri li kien ghaddej argument gewwa Triq Joseph Abela Scolaro u kien hemm bzonn l-assistenza tal-Pulizija. Meta waslu fuq is-sit l-Pulizija sabu lil Manolito Magri u lil Stephen Zammti li kellu wiccu bid-demm. Hemmhekk issejhet ambulanza fejn Stephen Zammit gie ccertifikat li qed isofri minn griehi gravi (Dok. RV3). L-Ispettur esebixxa wkoll ir-rifjut tal-jedd ghall-parir legali (Dok. RV5), l-istqarrija ta' l-imputat (Dok. RV6), stima ta' dentist (Dok. RV7), *case summary* ta' l-Isptar Mater Dei (Dok. RV8), u certifikat mediku ta' l-imputat (Dok. RV9). L-Ispettur ikkonferma li kemm il-parte civile u anki l-imputat qalulu li ma jafux lil xulxin.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu. Qal biss li huwa ma kienx jaf lil Stephen Zammit qabel l-incident u qal ukoll li sofra minn daqqa fuq mohhu, fuq rasu u fuq idejh.

Illi xehed **Dr. Ivan Padovani** li qal li huwa dentist. Huwa gie muri Dok. RV7 fejn spjega li Stephen Zammit talbu ghal stima ta' sett gdid ta' snien foloz. Huwa qal

li kien ghamel is-snien foloz ghal Stephen Zammit l-ewwel darba pero` qal ukoll li wara li tah stima ma regax rah.

Illi xehed **PS163 Robert Azzopardi** li kien mar fuq il-post ta' l-incident. Hemmhekk tkellem ma' Stephen Zammit li qallu li kien mugugh hafna f'ghajnejh u f'halqu ghax kien qala' xeba'. Huwa ndikalu lill-imputat bhala l-persuna li aggredietu. Ix-xhud gharaf lill-imputat fl-awla. Ix-xhud tkellem ukoll ma' l-imputat u mas-siehba tieghu, Dorianne Spiteri, li kkonfermat il-verzjoni ta' l-imputat. L-imputat qal li Stephen Zammti gera ghall-bagoll tal-vettura tieghu u ghalhekk kellu jiddefendi lilu nnifsu. Ix-xhud qal li ccekkja l-bagoll tal-vettura tal-parte civile izda ma sab xejn hlief l-i*spare wheel* u ghodda li tintuza biex wiehed ibiddel rota. Mistoqsi in kontro-ezami fuq il-hadida biex wiehed iholl il-boltijiet tar-rota, ix-xhud qal li jekk jiftakar sew din kienet fi forma ta' 'L'. Huwa kkonferma li din l-ghodda u l-*ispare* wheel kienu qed jigru fil-bagoll u ma kienux taht jew marbutin. Ikkonferma wkoll li skont l-imputat, il-parte civile Stephen Zammit kien qed joffendih u anki jheddu. Ix-xhud esebixxa rapport li gie mmarkat bhala Dok. RA1.

Illi xehed il-parte civile **Stephen Zammit** fejn spjega li fil-31 ta' Lulju 2017 kien wahdu bil-karozza pparkjata fejn l-iskola ta' Maria Regina, Hamrun. Faccata tieghu kien hemm imwejjed ta' hanut fejn ra li kien hemm zewgt irgiel li kienu qed jidhqu bih u ma kienx jaf ghalfejn. Dak il-hin staqsihom biex kienu qed jidhqu fejn dawn l-irgiel bdew jghajtu mieghu u jifthu idejhom. Stephen Zammit qal li tant kemm beza' li dak il-hin ghajjat "*tersqux lejja ghax noqtolkom. Ghax nisparalkom*" u mar wara l-karozza tieghu biex jiftah il-*luggage booth*. Spjega li qal dawn il-kliem biex forsi jbezzahom. F'daqqa wahda l-imputat beda jtih bl-addocc. Spjega li l-iktar li beda jtih kien Manolito Magri; kien qed itih bil-ponn

go wiccu: *"Fil-fatt jiena kelli wicci kollu demm u baqghu jtuni. Bdejt nipprova nigri, qsamt it-triq ... u baqghu gejjin, ituni, ituni,ituni*." Kellu n-nuccali mkisser ukoll. Spjega li qatt ma ra dawn in-nies u sar jaf b'isem l-imputat biss meta rcieva l-karta biex jitla' l-Qorti. Qal li kwazi intilef minn sensieh; zied li mar jigri sal-Maypole biex ituh l-ilma u hemmhekk cempel lill-Pulizija u l-ambulanza. Spjega li meta gew il-Pulizija hadhom fuq il-post u indikalhom lill-imptat. Qal li l-Pulizija fethulu l-karozza biex jaraw jekk kellux arma. Minn hemmhekk haduh l-isptar fejn fl-ambulanza intilef minn sensih. Zied li ghamel xi erbat' ijiem jew hamsa l-isptar. Fl-ewwel zewg jumejn qal li lanqas seta' jiftakar li giet ommu tarah. Huwa kkonferma li r-ritratti esebiti bhala Dok. RV4 huwa propju huwa. Qal li dawn ittiehdu xahar wara; ghajnejh kienet maghluqa u ma seta' jara xejn. Qal li b'kollox dam tlett xhur ma jmurx ix-xoghol ghaliex ma kienx ta' quddiem in-nies. Apparti wiccu qal li kissrulu n-nuccali u anki d-dentatura. Il-vittma spjega li kien hallas inqas mill-istima biex jirranga snienu (cirka Eur450); esebixxa wkoll ricevuta fl-ammont ta' Eur210 tan-nuccali tax-xemx li spicca mkisser (Dok. SZ1).

Xehed ukoll **Dr. Federico Golliero** li kkonferma li huwa hejja d-dokument esebit a folio 27 u cioe` l-*case summary* tal-parte civile.

Xehdet **Lorraine Doublet Baron** in rapprezentanza tal-HR ta' Mater Dei li qalet li l-kuntratt tat-tabib Muhamed Ashrad skada f'Lulju 2017 u li taf li l-istess tabib m'ghadux jghix Malta.

Xehdet **Dr. Maria Axiaq** li tahdem bhala tabiba l-Floriana Health Centre. Hija kkonfermat ic-certifikat esebit a folio 29 tal-process fejn qalet li kienet ezaminat lil Manolito Magri fil-31 ta' Lulju fejn sabet tbengila fuq id-drieghi tal-lemin, girfa

fuq in-naha tal-lemin tal-mohh u tbengila fuq in-naha t'isfel t'ghajn ix-xellugija; dawn il-griehi gew ikklassifikati bhala hfief.

Xehed **Alexander Psaila** rapprezenant ta' Lourdes Opticians li qal li Stephen Zammit kien gie ghandu ghax inkisirlu n-nuccali u ghalhekk ghamel nuccali gdid. Ix-xhud ikkonferma r-ricevuta ta' Eur210 (Dok. SZ1).

Rat illi **Dorianne Spiteri**, mart l-imputat, iddikjarat illi mhijiex ser tixhed f'dawn il-proceduri.

Xehed l-**Ispettur Robert Vella** li esebixxa zewg sentenzi (Dok. RV11 u RV 12) li gew moghtija fil-konfront ta' l-imputat. Mis-sentenza moghtija fit-8 ta' Marzu 2017 esebita bhala Dok. RV11 Manolito Magri gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u multa ta' sitt mitt Ewro (€600). Mis-sentenza moghtja fl-24 ta' April 2013 (esebita bhal Dok. RV12) Manolito Magri gie lliberat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Xehed ukoll **Anthony Muscat** li gharaf lill-imputat fl-awla fejn qal li dakinhar ta' l-incident (li kien f'Awissu) kumbinazzjoni kien qed jiekol fil-hanut ta' l-imputat hdejn l-iskola ta' Hamrun. Ix-xhud qal li beda jisma' hafna ghajjat u dagha fejn l-imputat beda jghid "*Dan lili qed jghid*?" Ix-xhud qal li kienu huwa u l-imputat biss dak il-hin fil-hanut fejn dan li beda jghajjat irrisponda billi qal: "*Lilek qed nghid. Lilek qed nghid. Ghax jien lilek irrid noqtlok*." Ix-xhud spjega li kif dan il-bniedem resaq ma' genb l-imputat xejjirlu daqqa ta' ponn: *"..l-ewwel daqqa ta' ponn xejjirha hu. U telaq jigri ghall-karozza."* Huwa zied jghid li dan il-bniedem kien qed jghajjat u jidghi u ma jafx ghalfejn beda jaghmel hekk. Huwa kkonferma li qatt ma kien ra lil Stephen Zammti qabel. Spjega li huwa kien qed jiekol barra

fuq il-parapett tal-hanut u Stephen Zammit waqaf cirka tlett metri l' boghgod. Qal li l-imputat mar ghas-sodisfazzjon ghax Stephen Zammit beda joffendih u baqa' jghidlu li ser joqtlu. Skont ix-xhud l-imputat staqsih: *"Toqtolni ghalfejn. Jien lilek x'ghamiltlek?"* Kif l-imputat ghamel erba' passi Stephen Zammit xejjirlu daqqa ta' ponn u ma laqtux u minn hemm telaq jigri ghal gol-karozza biex jiftah il-bagoll. Qal ukoll li x'hin ra lil Stephen Zammit sejjer jigri ghall-karozza u l-imputat sejjer warajh, mar biex iferraqhom ghax hass dover li jaghmel hekk minflok jitlaq 'l hemm. Skont ix-xhud wiehed ma setax ikun jaf x'kien ser johrog Stephen Zammit mill-bagoll u allura l-imputat iddefenda ruhu fejn xejjirlu daqqa ta' ponn ohra u l-iehor telaq jigri u minn hemmhekk ix-xhud ma rahx iktar u fil-fatt huwa telaq ukoll.

Mistoqsi in kontro-ezami jekk qabel ma xehed kellem lill-imputat, ix-xhud irrisponda fin-negattiv. Ix-xhud ikkonferma li l-imputat ghall-ewwel ma ndunax li Stephen Zammit kien qed jindirizza lilu izda imbaghad induna li ma kien hemm hadd madwaru u ghalhekk staqsieh: "*Lili qed tghid*?" fejn Stephen Zammit qallu: "*Iwa. Lilek qed nghid. Lilek qed nghid. Ghax jiena qieghed hawn biex noqtlok*." Zied jghid li kienu hu u l-imputat biss mal-mejda u di fatti x-xhud staqsa lil Stephen Zammit jekk hux qed jindirizza lilu fejn Stephen qallu: "*Le gbin. Lil ta' magenbek*." Mistoqsi jekk waqt li Stephen Zammit iccaqlaq waqt li allegatament kien qed jidghi u joffendi lill-imputat, ix-xhud qal li ccaqlaq u dar id-dawra fejn imbaghad l-imputat mar jiehu s-sodisfazzjon fejn staqsieh: *"Jiena lilek x'ghamiltlek hi biex toqtolni?"* Rega' qal li dak il-hin Stephen Zammit xejjirlu daqqa ta' ponn izda ma laqatx lill-imputat u wara mar jigri ghall-bagoll.

Illi xehed **Ernest Ellul** li huwa konsulent fil-kirurgija fejn spjega li ezamina l-pazjent Stephen Zammit u rrimarka illi dak il-hin seta' jirrispondi ghad-domandi

u kien jaf fejn qieghed. Qal li deher agitat. Zied jghid li kellu diversi tbengiliet fuq wiccu u mill-ezami tal-X rays li saru rrizulta li kellu ksur f'zewg ghadmiet tal-wicc. In kontro-ezami x-xhud qal li t-tbengil deher li kien ghadu frisk. Ix-xhud qal li seta' jkun li l-griehi kienu kompatibbli ma' dak li allega Stephen Zammit u cioe` ma' *fist fight.*

Xehed ukoll **Lawrence Bugeja** in rapprezentanza ta' Mater Dei fejn esebixxa l-*casualty notes* ta' Stephen Zammit (Dok. LB1). Minn dawn in-noti jirrizulta certifikat irrilaxxat mit-tabib Mohomed Ashraf fejn il-griehi li sofra l-parte civile gew ikklassifikati bhala *'grevious'.*

Xehed ukoll l-espert **Dr. Mario Scerri** li kien ezamina lil Stephen Zammit fis-16 ta' Ottubru 2018. L-espert esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. MS1. Huwa spjega li Stephen Zammit kien qallu li gie aggredit minn zewg persuni quddiem il-Maypole l-Hamrun. Zied jghid li l-griehi huma kompatibbli ma' *blunt trauma.* L-espert ikkonkluda li Stephen Zammit garrab diversi fatturi li huma ta' natura gravi u estetikament rizultat tat-trawma subita; Stephen Zammit baqa' b'*partial ptosis* tal-ghajn ix-xellugija li kienet ghadha tidher sad-data tar-rapport.

Illi bhala provi difiza, xehed l-**imputat Manolito Magri** li qal li kien bilqeghda barra gol-hanut tieghu (pastizzeria gewwa Triq Joseph Abela Scolaro, il-Hamrun, vicin ta' l-iskola Maria Assunta). Huwa kien bilqeghda ma' ragel iehor fejn wiehed minn faccata (Stephen Zammit) beda joffendi lil xi hadd, izda ma kienx jaf min. Qal li Stephen Zammit imbaghad beda jipponta subghajh lejh u allura staqsieh jekk kienx qed jirreferi ghalih. Stephen Zammit qallu li iva u beda jheddu u jghidlu: *"irrid noqtlok irrid noqtlok*." L-imputat qal: "*Bdejt inzomm, imbaghad telaq ghal gol-bagoll tal-karozza*." Spjega li Stephen Zammit mar ghal bagoll tal-

karozza tieghu u l-imputat qal *"... jiena ma hallejtux jiftah il-bagoll u. Zammejtu e."* Mistoqsi biex jispjega kif zamm lil Stephen Zammit qal: "*hu gholla idejh u jien tajtu daqqa u.*"

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Illi skont il-verbal datat 3 ta' Frar 2020 id-difiza ppromettiet li fi zmien gimgha tipprezenta nota bil-ftehim bejn il-partijiet. Il-Qorti tinnota li tali nota qatt ma giet ipprezentat u ghalhekk ser tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tinnota li ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet kemmxejn differenti mhumiex xorta wahda 'l boghod minn xulxin. Ghaldaqstant il-Qorti ser tqis dawn l-istess verzjonijiet, u cioe` dik tal-parte civile u dik tal-imputat, bhala fattwali.

Illi bhala stat ta' fatt ma hemmx dubju li nghataw daqqiet ta' ponn. Minn ta l-ewwel daqqa mhuwiex car daqs il-kristall ghalkemm ix-xhud okulari qal li l-parte civile fajjar l-ewwel daqqa izda ma laqatx lill-imputat. Jibqa' pero` l-fatt li l-glieda giet ipprovokata mill-parte civile stess, u cioe` minn Stephen Zammit, u dan gie kkonfermat mill-imputat, mix-xhud okulari Anthony Muscat u anki mill-parte civile fejn huwa stess stqarr li qal lill-imputat il-kliem: *"Tersqux lejja ghax noqtolkom. Ghax Nisparalkom."* (folio 67 tal-process)

Illi fuq il-provokazzjoni l-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imhallef Giovanni M. Grixti fis-sentenza taghha tas-26 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dione Lautier** qalet is-segwenti:

*"35. L-azzjoni tal-appellant tista' tkun klassifikata bhala rizultat ta' provokazzjoni kemm il-darba jokkorru l-elementi kollha ravvizati fil-ligi. Fil-ligi taghna, l-iskuzanti tal-provokazzjoni hija ammessa fil-kaz ta' omicidju volontarju jew offiza volontarja fuq il-persuna ex artikolu 227 u 230 tal-Kap 9 jew fl-artikolu 325 dwar hsara volontarja fuq hwejjeg haddiehor. Din iggib maghha mhux liberazzjoni izda diminuzzjoni fil-piena wara sejbien ta' htija. Skond l-artikolu 235, il-provokazzjoni ma tiswiex lil-hati jekk din ma tkunx sehhet fl-istess waqt tal-azzjoni provenjenti mill-parti offiza. L-ingredjent indispensabbli ghas-success ta' din l-iskuzanti hu li l-azzjoni provokanti u r-rejazzjoni ghaliha jridu jkunu sehhew fl-istess waqt.*

*36. L-artikolu 227 li jitkellem dwar l-iskuzanti fl-omicidju u applikabbli ghal kaz ta' offiza volontarja fuq il-persuna bis-sahha tal-artikolu 230 li jipprovdi li l-offiza volontarja fuq il-persuna hi skuzabbli fil-kazijiet maghdudin bhala skuza ghall-omicidju volontarju fl-artikolu 227(a), (b), (c) u (d), jekk provokat minn delitt ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna. Harsa ghalhekk lejn lartikolu 227 li jiskuza l-omicidju volontarju insibu li dak applikabbli ghal kwistjoni hawn skrutinata huwa s-subartikolu (a) li jipprovdi l-iskuzanti "jekk ikun provokat b'offiza gravi fuq ilpersuna jew b'delitt iehor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suggett ghal piena ta' aktar minn sena prigunerija. Issa kwantu l-piena, l-artikolu 231 (1) (b) u (c) jipprovdu li akkuzat, u f'dan il-kaz imputat, jinsab hati, jehel piena ta' mhux izjed minn sitt xhur prigunerija jekk l-offiza tkun gravi u ggib il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 u prigunerija ta' mhux izjed minn tliet xhur jekk tkun gravi minghajr il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218;*

*37. L-ewwel element indispensabbli ghall-invokazzjoni b'success tal-iskuzanti tal-provokazzjoni hu dak imsemmi fl-artikolu 235 li jipprovdi hekk: "Ma jiswiex lill-*

*hati l-provokazzjonijiet imsemmija fl-artikolu 227 u 230, meta ma jkunux saru fil-waqt tal-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza. (Incidentalment dan jghodd ukoll ghall-hsara volontarja meta tkun skuzabbli ex proviso tal-artikolu 325). Fil-kaz odjern, ir-rejazzjoni tal-appellant kienet wahda istantanea u ezegwita immedjatament malli qala d-daqqa mill-parte civile.*

*38. It-tieni element jirrikjedi li r-rejazzjoni tkun provokata minn offiza gravi jew b'delitt kontra l-persuna suggetta ghal-piena ta' aktar minn sena prigunerija. L-azzjoni tal-parte civile certament tirrientra f'dawn il-parametri u ghalhekk anke dan l-element jirrizulta pruvat;*

*39. Is-subartikolu (c) tal-artikolu 227 imbaghad jipprovdi illi sabiex provokazzjonijiet ohra jitqisu bhala skuzanti jehtieg li jissodisfaw ir-rekwiziti hemm msemmija fosthom li r-raguni ghalldik l-azzjoni "kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt. Dwar dan gia inghad bizzejjed meta jitqies illi r-reazzjoni tal-appellant kienet wahda li tirreciproka s-sinistru inaspettat tal-parte civile u kienet reazzjoni naturali, ghalkemm mhix wahda kommendabbli.*

*40. Ghalhekk din il-Qorti tista' serenement tikkonkludi illi fl-azzjoni tal-appellant kienu jezistu l-estremi tal-provokazzjoni u konsegwenti skuzanti skond il-ligi li l-ewwel Qorti naqset li tgharaf;."*

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li kien hemm l-element ta' provokazzjoni u li l-azzjoni provokanti u r-rejazzjoni sehhew fl-istess waqt u allura l-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni meta tigi sabiex tinfliggi l-piena.

Illi sorvolat il-fatt li l-parte civile pprovoka lill-imputat xorta wahda tibqa' l-kwistjoni jekk l-imputat agixxa b'mod xieraq. Illi ghalkemm jista' jkun minnu li l-imputat hassu mbezza' peress li minn kien qed jheddu mar jigri ghall-bagoll tal-vettura tieghu, xorta wahda l-Qorti trid tqis jekk l-imputat mar oltre l-limitu permess mil-Ligi.

Illi ghalhekk il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi tad-difiza legittima. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn gie ritenut li: Mhux kull min *"jagixxi biex jiddefendi ruhu necessarjament jista' jinvoka l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Il-ligi titkellem car dwar "il-bzonn attwali ta' difiza legittima" ta' dak illi jkun jew ta' haddiehor. Kemm fid-dutrina kif ukoll fil-gurisprudenza taghna, huwa ormai stabbilit li biex wiehed jista' jinvoka din l-iskriminanti, l-aggressjoni subita trid tkun ingusta, gravi u inevitabbli. L-element ta' l-inevitabbilita jigi nieqes meta wiehed minnflok ma jevita l-inkwiet, ossia l-glied illi jara gej, meta dan jista' b'mod ragonevoli jigi hekk evitat, imur minghajr raguni valida jaffrontah b'mod li jipprecipita hu stess il-konfront fiziku."*

Illi l-Professur Sir Anthony Mamo, fin-noti tieghu "Lectures in Criminal Law, Part I", jghid is-segwenti: *"The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already*

*passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence; if it was merely apprehended, then other steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means."*

Illi fil-kaz in ezami wiehed jista' jargumenta li l-imputat ma setax janticipa l-periklu, u li dan il-periklu kien imminenti u l-agir tal-imputat kien propju wiehed instantanju. Minkejja dan hemm ukoll l-element tal-proporzjonalita`; mhuwiex bizzejjed li l-minaccja tkun gravi, ingusta u inevitabbli; huwa wkoll necessarju li r-reazzjoni ta' l-akkuzat tkun proporzjonata.

Hawnhekk issir riferenza ghas-sentenza ghas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti** deciza fit-3 ta` Ottubru 2018 fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal kaz tas-16 ta` Ottubru 2003 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta` Malta vs Domenic Briffa**, fejn inghad illi: *"Sabiex wiehed jista' jitkellem fuq legittima difiza li twassal ghall-gustifikazzjoni jew non-imputabilita` (a differenza ta' semplici skuzanti - art. 227(d)), iridu jikkonkorru, kif diga` nghad, l-elementi kollha li dottrinalment huma meqjusa necessarji, cioe` l-bzonn li l-minaccja tkun gravi, tkun ingusta, tkun inevitabbli u fuq kollox li r-reazzjoni tkun proporzjonata ghall-minaccja jew ghall-aggressjoni.''*

Illi minn ezami approfondit tal-atti processwali jidher car li l-imputat mar oltre dak permess mill-Ligi meta ddefenda lilu nnifsu. Il-Qorti tinnota li l-vittma kellu diversi ksur f'wiccu u di fatti nzamm l-isptar ghal xi jiem. In-natura tal-feriti, li

johorgu car mir-rapport ta' l-espert Dr. Mario Scerri, turi li dan ma kienx kaz ta' difiza legittima proporzjonata.

Illi ghalkemm allura kien hemm il-provokazzjoni da parti tal-parte civile xorta wahda jibqa' l fatt li l-imputat kien eccessiv fir-reazzjoni tieghu. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tal-5 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** fejn intqal li:

> *"L-eccess ta' legittima difesa hu dovut ghan-nuqqas ta' proporzjonalita', jippostula necessarjament l-estremi tal-legittima difesa b'dan pero' li wiehed ikun mar oltre dak li kien strettament mehtieg".*

Illi ghar-rigward it-tieni u tielet akkuzi, il-Qorti tinnota li ma ngabet l-ebda prova la li kien hemm ksur tal-paci pubblika mill-imputat u lanqas li l-imputat hedded jew ingurja lill-parte civile. Stephen Zammit fit-testimonjanza tieghu fl-ebda hin ma semma li l-imputat heddu jew ingurjah.

Illi ghar-rigward ir-raba' akkuza, il-Qorti tqis li ma hemmx dubju li l-parte civile garrab il-hsarat li huwa semma' u cioe` hsara fid-dentatura u anki fin-nuccali tieghu pero` dwar l-ammont tal-hsarat l-unika prova cara li giet prodotta hija dik tan-nuccali u cioe` dik fl-ammont ta' Eur210. Illi dak li gie esebit vis-a`-vis id-dentatura kient biss stima fejn id-dentist in kwistjoni qal li ma regax ra lil Stephen Zammit u fejn l-istess parte civile qal li meta rrangahom kien hallas inqas mill-

istima fejn qal li kien hallas *"xi four hundred fifty xi haga. Bl-amment ma nafx..".* Il-Qorti tinnota wkoll li l-Prosekuzzjoni qatt ma pproduciet ricevuta dwar dan il-hlas.

Illi rrizulta wkoll mill-proceduri u senjatament mis-sentenza a fol 100 *et seq* li l-akkuza fuq ir-recidiva tal-imputata giet ampjament ippruvata.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 28B(1), 28B(2)(b), 49, 50, 214, 215 u 218(1)(a)(b)(2), 230(d), 233(1)(a), 325(1)(c), 28A, 28B, 28C, 49, 50, 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Manolito Magri hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin filwaqt li a rigward tal-hames (5) akkuza stante li l-ewwel akkuza hija skuzabbli ai finijiet tal-Kodici Kriminali tordna li s-sentenza datata tmienja (8) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) terga' tibda tiddekorri mil-lum inkwantu ghas-sentenza sospiza u tilliberah mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza fuq nuqqas ta' provi.

In oltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat Manolito Magri jhallas is-somma ta' mitejn u disgha u hamsin ewro (€259) bhala spejjez peritali naxxenti minn dawn il-proceduri.

Finalment il-Qorti spjegat lill-imputat Manolito Magri fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

___________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**